# LLL SPORT

## Azzjonijiet lejn Strateġija ta’ Tagħlim Tul il-Ħajja għas-Settur tal-Isport u Ħin Liberu Attiv

EUROPEAN OBSERVATOIRE OF SPORT AND EMPLOYMENT



## Il-proġett Sport LLL:

Sabiex jiġu inkoraġġiti dawn is-sejbiet, il-proġett LLL Sport ta’ sena ffinanzjat mill-Kummissjoni Ewropea ġie żviluppat mhux biss biex isir progress fit-trawwim tal-kuxjenza dwar l-Istrateġija ta’ Tagħlim Tul il-Ħajja komuni sabiex jiġu żviluppati standards relatati max-xogħol, li huma meqjusa bħala importanti ferm fuq livell nazzjonali, reġjonali u lokali, iżda wkoll sabiex tiġi inkoraġġita l-implimentazzjoni konkreta tiegħu u sabiex tingħata kontribuzzjoni għal koerenza u koordinazzjoni aħjar fl-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-Istrateġiji LLL Nazzjonali komprensivi fi ħdan is-settur tal-Isport u Ħin Liberu Attiv.

Sabiex jintlaħaq dak l-għan, intagħżlu 9 Ambaxxaturi Nazzjonali u ser ikollhom irwol ewlieni safejn l-implimentazzjoni ta’ dan l-approċċ innovattiv jiddependi fuq l-appoġġ, ingaġġ u impenn tal-partijiet interessati nazzjonali, bħall-Awtoritajiet tal-Kwalifiki Nazzjonali, il-Ministri tal-Edukazzjoni u Sport, l-Imsieħba Soċjali, il-Fornituri ta’ Taħriġ, il-Moviment Sportiv eċċ.

L-għan aħħari hu li dawk l-istandards jiġu endorsjati u implimentati mill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti fis-sistema tal-Edukazzjoni u Taħriġ sabiex tiġi żgurata konnessjoni b’saħħitha mas-suq tax-xogħol u jintlaħqu l-ħtiġijiet tal-impjegaturi.

**Jekk il-proġett jitmexxa kif suppost, u fl-appoġġ tal-qafas tal-Edukazzjoni u Taħriġ, it-Trattat ratifikat ta’ Liżbona u l-*White Paper* tal-UE għall-Isport, ix-xogħol għandu jgħin lil partijiet interessati nazzjonali u lokali sabiex ikun jistgħu jallinjaw aħjar mal-QEK u sabiex jikkontribwixxu u jintroduċu bidliet fis-sistemi tal-ETV u prattiċi nazzjonali billi jittrasferixxu u jimplimentaw il-metodoloġija innovattiva għat-Tagħlim Tul il-Ħajja fis-settur tal-Isport u Ħin Liberu Attiv.**

EUROPEAN OBSERVATOIRE OF SPORT AND EMPLOYMENT

**EOSE Secretariat**
1, Grande rue des Feuillants
69001 Lyon – France

Tel.: +33 (0) 437 431 939
Fax: +33 (0) 437 430 988
Email: eosesec@eose.org

www.eose.org

AGREEMENT NUMBER – 2009 - 5146 / 001 – 001
The LLL Sport project has been funded with support from the European Commission. This publication reflects the views only of the author, and the Commission cannot be held responsible for any use which may be made of the information contained therein.

Education and Culture DG
Lifelong Learning Programme

## Is-Settur tal-Isport u Ħin Liberu Attiv. :

L-isport huwa settur li jitlob kuntatt dirett mal-poplu, fejn l-involviment tal-oħrajn, fil-livell tad-dilettanti jew fil-livell professjonali, huwa importanti ferm għas-suċċess tiegħu. Barra minn hekk, l-isport huwa stabbilit sew fil-komunitajiet kollha, u jaffettwa persentaġġ kbir tal-popolazzjoni, u jintuża bħala għodda sabiex jiġu indirizzati aġendi aktar estensivi (usa') tal-Gvern, inklużi s-saħħa, l-inklużjoni soċjali, ir-riġenerazzjoni u l-edukazzjoni. Jekk aħna rridu nilħqu dawn l-isfidi, huwa meħtieġ li dawk il-ħaddiema jew voluntieri li l-irwol tagħhom hu li jkollhom kuntatt dirett fil-provvista ta' servizzi f'dan is-settur, ikollhom il-ħiliet neċessarji permezz ta' kwalifiki adattati.




*Is-settur tal-Isport u Ħin Liberu Attiv u l-potenzjal tiegħu (EOSE, 2009)*

## L-ostakli prinċipali u r-realtajiet tas-settur:

- Dak li hu offrut fil-qasam akkademiku tas-settur mhuwiex ikkunsidrat rilevanti biżżejjed mill-impjegaturi u federazzjonijiet.
- It-talent qed jinħela: m'hemm l-ebda struttura ċara u gradwati ma jistgħux isibu impjieg fil-qasam tal-isport.
- Il-potenzjal ekonomiku u tax-xogħol tas-settur mhuwiex rikonoxxut u s-sinifikat tiegħu mhux apprezzat u f'ħafna mill-każi huwa sottovalutat.
- Is-settur huwa maqsum (fi sports, f'subsetturi eż. kummerċjali / tal-volontarjat / pubbliċi).
- It-taħriġ sportiv huwa mmirat lejn il-ħtiġijiet tal-voluntieri u mhuwiex fil-qafas tal-istruttura ta' kwalifiki nazzjonali ta' bosta pajjiżi.

## Approċċ ta' settur għal ħaddiema kompetenti:

Dan l-aħħar, permezz tal-proġett Qek (Qafas Ewropew tal-Kwalifiki) fl-Isport (immexxi mill-EOSE bejn l-2007 u l-2008, u ffinanzjat mill-Kummissjoni Ewropea) ġiet żviluppata Strateġija ta' Tagħlim Tul il-Ħajja komuni sabiex jiġu żviluppati standards relatati max-xogħol għas-settur tal-Isport u Ħin Liberu Attiv kollu sabiex :

- tiġi promossa sistema ta' edukazzjoni u taħriġ trasparenti u flessibbli b'linji ta' tagħlim u karrieri ċari.
- jiġi żgurat l-iżvilupp ta' ħaddiema kompetenti bil-ħiliet u kompetenzi adattati b'mod konformi mal-aspettattivi tal-impjegaturi sabiex tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni mid-dinja tal-edukazzjoni għal dik tax-xogħol.
- jiġu żviluppati l-mobilità, trasparenza u l-għarfien reċiproku tal-kwalifiki, jiżdiedu l-istandards u l-faċilitazzjoni tat-tkabbir tal-opportunitajiet tan-negozju.

L-iżvilupp ta' standards relatati max-xogħol qed jitmexxa mill-industrija u l-kontenut jispeċifika l-istandards ta' prestazzjoni li l-persuni huma mistennija jilħqu fix-xogħol tagħhom, u l-għarfien u ħiliet li jeħtieġu jwettqu b'mod effettiv. Fi kliem ieħor, l-istandards jiddefinixxu l-kompetenzi, ħiliet u għarfien meħtieġa għax-xogħlijiet fis-settur.




*L-Istrateġija ta' Tagħlim Tul il-Ħajja għas-settur tal-Isport u Ħin Liberu Attiv (EOSE, 2009)*

L-għan aħħari hu li dawk l-istandards jiġu endorsjati u implimentati mill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti fis-sistema tal-Edukazzjoni u Taħriġ sabiex tiġi żgurata konnessjoni b'saħħitha mas-suq tax-xogħol u jintlaħqu l-ħtiġijiet tal-impjegaturi.